# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Dicembru 2015**

**Numru 9**

**Rikors numru 126/07 JA**

**Jayne Margaret Chetcuti**

**v.**

**Lawrence Chetcuti**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell principali maghmul mill-attrici u appell incidentali maghmul mill-konvenut minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fl-ismijiet premessi li permezz taghha dik il-Qorti pprovdiet dwar l-azzjoni attrici u dwar il-kontro-talba tal-konvenut, *inter alia*, billi: ippronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet bi htija principali tal-attrici u dik sussidjarja tal-konvenut; ordnat l-applikazzjoni fil-konfront

taz-zewg partijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili; ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, illikwidatha u assenjatha kif ser jigi spjegat aktar ‘il quddiem f’din is-sentenza; u ordnat li l-ispejjez tal-kawza jithallsu zewg terzi mill-attrici u terz mill-konvenut, filwaqt li dawk relatati mal-bejgh tal-propjeta` inkluzi d-drittijiet u spejjez tal-perit ikunu a kariku tal-partijiet f’ishma ndaqs.

**<u>Il-Fatti</u>**

2. Il-fatti relevanti ghall-finijiet tal-appelli odjerni huma dawn. F’Gunju 1990 il-konvenut, cittadin Malti, u l-attrici, cittadina Ingliza li kienet Malta ghall-vaganzi, ltaqghu gewwa diskoteka u bdew jiffrekwentaw lil xulxin. Sussegwentement, wara li l-attrici kienet marret lura l-Ingilterra, hija regghet giet Malta f’Settembru 1990 u l-partijiet komplew bir-relazzjoni taghhom. F’Novembru 1990 il-konvenut tela’ l-Ingilterra sabiex jerga’ jqatta’ ftit taz-zmien mal-attrici. F’Dicembru 1990 l-attrici telqet mill-Ingilterra bil-hsieb li tkompli bir-relazzjoni taghha mal-konvenut u tistabbilixxi ruhha f’Malta. F’April 1991 skopriet li kienet harget tqila u konsegwenzjalment il-partijiet izzewwgu fl-4 ta’ Awissu 1991. Fl-24 ta’ Dicembru 1991 twieldet it-tifla u fl-10 ta’ Frar 1995 il-partijiet kellhom it-tifel.

3. Inizjalment il-partijiet kienu joqghodu go appartament mikri, izda f’Dicembru 1991 huma bdew joqghodu f’appartament f’Rahal il-Gdid li

kien gie akkwistat mill-genituri tieghu fuq applikazzjoni mal-Awtorita' tad-Djar. Sadanittant, il-genituri tieghu baqghu joqghodu fid-dar taghhom fil-Belt filwaqt li l-partijiet bdew joqghodu fl-appartament ta' Rahal il-Gdid minghajr ma jhallsu kera. Huma damu jghixu f'dan il-fond circa 8 snin sal-1999.

4. Fil-frattemp il-genituri tal-konvenut kienu kostretti jitilqu mid-dar tal-Belt li huma kienu jokkupaw b'titolu ta' kera. Rizultat ta' dan, il-partijiet bl-ghajnuna tal-Awtorita' tad-Djar xtraw appartament fil-Furjana u l-genituri tal-konvenut dahlu jghixu f'dan l-appartament, filwaqt li l-partijiet baqghu jghixu fil-fond ta' Rahal il-Gdid.

5. Jirrizulta li fl-appartament tal-Furjana saru diversi xogholijiet mill-genituri tal-partijiet u a spejjez tal-istess genituri.

6. Fi 17 ta' Settembru 1999[1] il-genituri bieghu il-post ta' Rahal il-Gdid fejn allura kienu jghixu l-partijiet u bir-rikavat minn dan il-bejgh ta' LM17,000 u tal-vettura tal-partijiet mibjugha bl-ammont ta' LM1,400 kif ukoll bis-sahha ta' self bankarju, dawn xtraw maisonette f'*shell form* f'H'Attard ghas-somma komplessiva ta' LM20,000[2] Eventwalment huma marru joqghodu f'dan il-fond filwaqt li l-genituri tal-konvenut baqghu jghixu fl-appartament tal-Furjana.

[1] Vol.2. Fol. 600

[2] Vol.1 Fol.75 – Din is-somma tikkonsisti fis-somma ta' LM3,680 prezz tal-fond u LM16,320 prezz tax-xogholijiet li kienu ghad iridu jsiru mill-venditur David Bonnett.

7. Jirrizulta li l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet ma kinitx wahda felici u kien hemm zmien fejn l-partijiet, fuq talba ta' l-attrici, ddecidew li jitilqu minn Malta u jmorru jghixu l-Ingilterra, izda dan ma serva ta' ebda gid ghalihom. Fil-fatt wara ftit taz-zmien irritornaw lura Malta.

8. Fis-sena 2003[3] l-attrici dahlet f'relazzjoni ma' certu John Cassar u fl-1 ta' Lulju 2006 twieldu triplets minn din ir-relazzjoni. Minkejja din ir-relazzjoni adulterjuza, ammessa mill-istess attrici, dina baqghet tghix mal-konvenut fil-fond matrimonjali go H'Attard b'hekk il-konvenut kien kostrett li jilqa' f' daru u a spejjez tieghu t-tfal tal-attrici mir-relazzjoni extra-matrimonjali taghha. Mhux hekk biss, izda filwaqt li dawn it-tfal gew akkomodati fil-kamra tas-sodda tal-partijiet, il-konvenut kien jorqod band'ohra.

9. Fis-16 ta' Settembru 2007 l-attrici fethet il-kawza odjerna

**<u>L-Appelli</u>**

10. L-Appell principali tal-attrici huwa bazat fuq zewg aggravji li jirrigwardjaw: [1] il-htija ghall-hall taz-zwieg u [2] il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

11. Ghar-ragunijiet moghtija fir-rikors tal-appell taghha l-attrici qed titlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha u

[3] Vol.1. Fol 219

tbiddilha "fit-termini tal-aggravji mressqa minnha f'dan ir-rikors, [i] f'dik il-parti fejn pronunzjat is-separazzjoni [recte: hall taz-zwieg] bejn il-kontendenti b'tort tal-partijiet mhux indaqs; u [ii] f'dik il-parti fejn illikwidat il-komunjoni tal-akkwisti billi ordnat il-bejgh tal-fondi immobbli tal-partijiet, bir-rikavat jinqasam f'ishma ndaqs bejniethom u bl-appellat [konvenut] jippreleva s-somma ta' €59,585 kif ukoll fuq l-assenjazzjoni tal-vettura Toyota Hiace."[sic]. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

12. L-Appell incidentali tal-konvenut huwa bazat fuq hames aggravji li jirrigwardjaw: [1] it-tort ghat-tifrik taz-zwieg; [2] l-ispejjez tal-kawza; [3] l-ispejjez maghmula mill-genturi tieghu fil-proprjetajiet tal-partijiet; [4] il-hlasijiet maghmula mill-konvenut bi flus parafernali tieghu ghax-xiri tal-fond tal-Furjana; u [5] <u>nofs</u> is-somma rapprezentanti l-pagamenti effettwati unikament mill-konvenut tal-self u tal-assikurazzjoni mis-sena 2006 sallum.

13. Ghar-ragunijiet spejgati minnu fir-risposta tieghu u fl-istess appell incidentali l-konvenut qed jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi "taghti tort kollu ghat-tifrik taz-zwieg lill-attrici; tordna li l-ispejjez tal-proceduri legali kollha jithallsu kollha mill-attrici; tordna li l-konvenut jirrikava €23,573 u €9,317 rapprezentanti kreditu parafernali tieghu rapprezentanti spejjez li ghamlu l-genituri tieghu fi proprjetajiet

tal-komunjoni ta' bejn il-partijiet u dan addizzjonalment mal-kreditu gia` moghti mill-Ewwel Qorti; tordna li l-konvenut jirrikava [ukoll] €9,783 kreditu parafernali rapprezentanti fi hlas li ghamel bi flus parafernali tieghu fix-xiri tal-propjeta` gewwa l-Furjana waqt iz-zwieg u tordna li l-konvenut jirrikava l-kreditu rapprezentati nofs il-hlasijiet tal-loan u tal-assikurazzjoni li saru unikament minnu mis-sena 2006 sal-gurnata tal-hlas effettiv". Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

## L-Aggravji

14. Ghal ahjar intendiment tal-gudizzju odjern din il-Qorti ser tittratta flimkien uhud mill-aggravji mressqa mill-partijiet.

L-ewwel aggravju tal-appell principali u tal-appell incidentali

15. Il-parti relevanti tas-sentenza taqra hekk:

> "Illi kif ġja' ngħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni mingħand żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet; il-konvenut da parti tiegħu jaqbel li għandha tiġi pronunzjata s-separazzjoni iżda għal raġunijiet imputabbli lill-attriċi u ppropona da parti tiegħu kontro-talba fl-istess sens. Il-kawża naturalment kienet kontestata ħafna u peress li l-Qorti kellha diversi drabi tara rikorsi u risposti qabel ma ppronunzjat uħud mid-digrieti ġja' imsemmija, setgħet tara li l-partjiet irrispondew lil xulxin dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta' xulxin. Il-Qorti, għalhekk se tittratta l-vertenzi f'paragrafi għalihom. Fir-rigward tat-tfal, illum dawn huma maġġorenni u, ma hemmx provi rigward l-istudji tagħhom; kwindi ma hemmx lok għall-provvedimenti fir-rigward tagħhom.
>
> "**TORT**
> "Illi kif ġja' ngħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ."

…………………..omissis…………………..

"Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-atti, jidhrilha li ż-żwieġ tkisser prinċipalment minħabba l-atteġġjament taż-żewġ partijiet fil-konfront ta' xulxin, u allura kienu ħatja ta' nġurji gravi fil-konfront ta' xulxin. Kwindi taqbel mal-perit legali f'dan l-aspett.

"Illi minħabba f'hekk il-partijiet spiċċaw jgħixu *f'sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune* **(**ara **"Caterina Agius vs Benedict Agius" –** deċiża mill-Prim' Awla fit-13 ta' Ġunju 1967).

"Illi madankollu, il-Qorti ma tistax ma tikkonkludix ukoll li l-adulterju kommess indubbjament u *'ex admissis'* mill-attriċi kien il-fattur li waqqaf għal kollox il-possibbilta' li l-partijiet setgħu jaslu biex jirrikonċiljaw. Biex aktar il-kwistjoni tippreċipita, l-attriċi kellha *'triplets'* minn relazzjoni extra konjugali li żgur kompliet għamlet il-ħajja tal-partijiet – li baqgħu jgħixu taħt l-istess saqaf – aktar infernali.

"*Għalkemm indubbjament kien hemm raġunijiet oħra għat-tifrik taż-żwieġ, l-adulterju dejjem kien meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi illi għaliha l-Qorti tawtorizża s-separazzjoni personali."* (ara **Vol XXXVII-parti ii, paġna 693**).

"Illi għaldaqstant il-Qorti se taddossa lill-attriċi bl-akbar parti tal-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ, u dan ser jiġi rifless billi taqsam l-ispejjeż tal-kawża b'terz u żewġ terzi kontra l-attriċi kif *del resto* rrakkomanda l-perit legali.

"Illi stabbilit dan, ma hemmx lok li l-Qorti tinvestiga r-raġunijiet oħra li jwaslu għal separazzjoni."

16. L-attrici tibda l-aggravju taghha billi tghid li hi taqbel mal-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti dwar ir-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg fejn dik il-Qorti qalet li *"iz-zwieg tkisser principalment minhabba l-atteggjament taz-zewg partijiet fil-konfront ta'xulxin u allura kienu hatja ta' ingurji gravi fil-konfront ta' xulxin."*

17. Izda l-attrici ssostni li l-ewwel Qorti kellha wkoll issib lill-konvenut hati ta' adulterju. Tghid li l-konvenut *"*ittratjena ruhu b'relazzjoni adultera

ma' kollega tieghu Debra li kienet tahdem mieghu.. kif ukoll ma' diversi nisa." Tghid ukoll li hi kienet "ikkuntrattat marda trasemessa sesswalment meta hija ma kellha ebda kuntatt sesswali ma' ragel iehor hlief ma' zewgha."

18. In sostenn ta' dan l-aggravju hija tghid hekk:

> "[a] L-appellat kien irceva rigali minghand il-kollega tieghu Debra kif ukoll cemplitlu f'gheluq sninu…. Kienet ukoll sabet marki tal-lipstick fuq hwejjgu. Inoltre l-istess appellanti kienet irceviet telefonati ta' tghajjir minghand diversi nisa u irgiel maltin;
>
> "[b] Il-fatt li t-tabiba tal-appellanti Marthese Sciortino infurmat lill-istess appellanti li din kienet ikkuntrattat mard trasmess sesswalment fiz-zmien meta hija ma kellha ebda kuntatt ma' ragel iehor hlief ma' zewgha. Meta hija kkonfrontat lil zewgha [b'dan] huwa ma cahadt li fil-fatt kellu x'jaqsam ma' nisa ohra minbarra martu."

19. L-attrici ssostni li, minbarra l-adulterju ta' zewgha, hemm ragunijiet ohra ghall-firda attribwibbli lill-konvenut. F'dan ir-rigward issemmi l-imgieba hazina u l-attitudini distruttiva li dan kellu fil-konfront taghha u tat-tfal taghhom. Attitudini li tul iz-zmien saret wahda intollerabbli tant lil rrendiet il-konvivenza insopportabbli. Tghid li l-konvenut kien tilef kull interess fil-hajja mizzewga tant li "kien abbanduna s-sodda matrimonjali u beda jorqod f'kamra tas-sodda separata u kien ukoll jibqa' imqajjem jara il-firms pornografici". Meta l-attrici kienet tikkonfrontah fir-rigward hu kien jirrispondiha "li tista' titlaq, izda l-aqwa li thalli lil bintha warajha." Takkuza lill-konvenut li kien "jabbuza psikologikament lil binthom".

20. L-attrici tkompli ssemmi cirkostanzi sabiex turi li l-konvenut ma kienx jimpurtah minn uliedu u dan ghal kuntrarju taghha li "iddedikat hajjitha ghal uliedha, kienet tohroghom u tixtrilhom biex sa fejn tista' tara li ma jonqoshom xejn."

21. Il-konvenut minn naha tieghu jichad li qatt kellu relazzjoni ma' nisa ohra u l-allegazzjonijiet maghmula mill-attrici fil-konfront tieghu huma biss allegazzjonijiet ossia "gideb" mhux sorretti bi provi. Il-konvenut jissenjala li tul il-process kollu l-attrici ghamlet numru ta' allegazzjonijiet minghajr ma gabet l-icken prova sabiex issostni l-allegazzjonijiet taghha. Jissenjala wkoll li sabiex l-adulterju jigi ppruvat il-prova rikjesta trid tkun wahda serja u solida u mhux kwalunkwe amicizja li wiehed jista' jkollu ma persuna tas-sess oppost tammonta ghal adulterju.

22. Il-konvenut jichad l-allegazzjonijiet attrici li din kienet sabet lipstick fuq hwejjgu, li hu kien ircieva rigali minghand Debra f'gheluq sninu u li l-attrici kienet kkuntrattat marda trasmessa sesswalment. L-esponent fix-xhieda tieghu cahad kategorikament dawn l-allegazzjonijiet. Jissenjala li dwar l-allegat mard "wiehed kien jippretendi li t-tabiba imsemmija … … tittella' tixhed jew li talinqas jigi pprezentat xi tip ta' certifikat li jsostni l-allegat sejbien [minn] din it-tabiba".

23. Rigward ir-ragunijiet l-ohra ghall-firda, mressqa mill-attrici, il-konvenut jissenjala dak li qal il-perit legali u cioe` li mill-provi jirrizulta li l-attrici fiz-zwieg kienet aktar koncernata fuq l-interessi taghha milli tal-partijiet bhala koppja u aktar 'il quddiem bhala familja. Jiccita wkoll l-osservazzjoni maghmula mill-perit legali li *"l-attrici sabet fil-konvenut opportunita' biex titlaq minn pajjizha u tigi mantunta fuq wicc l-idejn minn ragel li dejjem sab lil familja tieghu ghad-dispozizzjoni tieghu u qatt ma halliha nieqsa materjalment".*

24. Il-konvenut jissenjala wkoll li, anke fir-rigward, hi ma ressqet ebda prova ta' xi sevizzi, mohqrija jew vjolenza fuqha jew fuq it-tfal u strahet biss fuq l-allegazzjonijiet taghha. Hu mbaghad ikompli billi jsemmi cirkostanzi sabiex juri l-agir aggressiv u impulsiv tal-attrici matul iz-zwieg.

<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

25. Din il-Qorti tosserva li kwazi mill-bidu nett taz-zwieg il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet ma kienitx wahda felici. Jidher car li, fi zmien qasir li l-partijiet bdew jiffrekwentaw lil xulxin sakemm eventwalment izzewwgu wara li l-attrici skopriet li kienet tqila, il-partijiet ma kienux jafu lil xulxin sewwa meta zzewwgu. Dan wassal sabiex maz-zmien ir-relazzjoni matrimonjali ddeterjorat tant li l-attrici dahlet f'relazzjoni extra-matrimonjali.

26. Wara ezami rett tal-atti u tenut kont tad-diversi allegazzjonijiet maghmula mill-partijiet kontra xulxin, din il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut ghandu ragun meta jilmenta li hu ma kellu jinghata ebda tort ghat-tifrik taz-zwieg u l-kawza ghal-hall taz-zwieg kienet dovuta unikament lill-attrici. Din il-konkluzjoni hija bazata fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet.

27. [1] Ghalkemm l-attrici taghmel diversi allegazzjonijiet fil-konfront tal-konvenut hija ma sostnietx dawn bi provi ghajr ghal affidavit taghha stess. Minn naha tieghu l-konvenut cahad kategorikament dak li l-attrici allegat fil-konfront tieghu.

28. [2] Jirrizulta car li l-akkuza tal-adulterju maghmula mill-attrici fil-konfront tal-konvenut hija fiergha u ma tinsabx sostnuta mill-provi, anzi tinsab kontradetta mill-konvenut. F'dan ir-rigward il-Qorti tissenjala li fost il-kawzalijiet li fuqhom l-attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha imkien ma jissemma' l-adulterju fil-konfront tal-konvenut. Fir-rikors guramentat hija tispjega hekk ir-ragunijiet tat-talbiet taghha:

> "Illi z-zwieg tal-kontendenti ilu diversi snin li tfarrak irrimedjabbilment u l-kontendenti kienu fi stat ta' separazzjoni fattwali, jghixu hajja mifruda u separata ghalkemm taht l-istess saqaf.
>
> Illi inoltre, l-intimat ilu diversi snin li qabad triq ghalih u jqatta' granet shah barra mid-dar, barra minn hekk meta jirritorna d-dar huwa qatt ma jaghmel xejn ghall-familja u lanqas ma jipprovdi ghall-bzonnijiet tal-familja, anzi huwa jaghmel minn kollox sabiex ifixkel lill-attrici fix-xoghol li tkun ghamlet hi fid-dar matrimonjali;

Illi inoltre minhabba li l-intimat ma nteressa ruhu bl-ebda mod fl-attrici u lanqas f'uliedu, l-attrici hassitha abbandunata u kien ghalhekk li maz-zmien bdiet relazzjoni ma' terza persuna izda dan gara zmien sewwa wara li z-zwieg kien tfarrak irrimedjabbilment minhabba ragunijiet imputabbli ghal kollox lill-konvenut;"

29. Imbaghad it-talba dwar ir-raguni ghas-separazzjoni taqra hekk:

"2. Tiddikjara li l-konvenut huwa unikament hati ghall-firda tal-kontendenti minhabba sevizzi u/jew minacci u/jew ingurji gravi [4]minnu perpetrati, u dan a tenur tal-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta."

30. Mill-premess jidher car li, minkejja li f'dik it-talba ssemma' l-Artikolu 38 [li jikkontempla l-adulterju], l-attrici spjegat li r-raguni tat-talba taghha kienet bazata fuq sevizzi, minacci u ingurji gravi. Dan mhu sorprendenti xejn, ghax - ghajr ghall-allegazzjoni taghha ta' certu cirkostanzi, li xorta ma jwasslux ghal prova sodisfacenti dwar l-adulterju kommess minnu u wkoll li gew kategorikament michuda mill-konvenut - ma hemm ebda prova la li dan ikkommetta adulterju u lanqas li kellu xi hbiberija specjali ma' persuna tas-sess oppost li tista tikkwalifika bhala ingurja gravi fil-konfront ta' l-attrici.

31. F'dan l-istadju hija opportuna l-osservazzjoni li mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghal sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria:

[4] Sottolinear ta' din il-Qorti

> "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l' animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. *[PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."*

32. Kif osservat fil-kawza citata mill-ewwel Qorti *PA Catherina Agius v Benedict Agius,* deciza 13 Gunju 1967 il-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw jghixu *"f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insapportabili l' abitazione e la vita comune".*

33. Din il-Qorti thoss li ghandha taghmel enfazi fuq is-sinifikat tal-kuncett ta' sevizzi, minacci u ingurja ghax fil-kaz in dizamina dawn ma jirrizultawx provati fil-konfront tal-konvenut. Hemm biss l-allegazzjoni nuda u kruda tal-attrici minghajr prova [ghajr ghax-xhieda taghha] li l-konvenut kien kritiku fil-konfront taghha, kien jillitiga maghha fuq affarijiet trivjali, kien emozjonalment passiv u kien juri indifferenza fejn jidhlu r-relazzjonijiet konjugali bejn il-partijiet.

34. Din il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien jipprova jikkuntenta lill-attrici tant li kien xtralha karrozza u wkoll meta din riedet tmur lura lejn l-Ingilterra sabiex jibdew jghixu hemm hu kkuntentaha u marru l-Ingilterra sakemm wara ftit kellhom jergghu jigu lura Malta. Ikkuntentaha wkoll meta accetta li, bl-ghajnuna tal-genituri tieghu, jixtru l-maisonette H'Attard.

35. Barra minn hekk, ghalkemm fir-rikors tal-appell taghha l-attrici ssostni li l-konvenut abbanduna s-sodda matrimonjali, jidher li l-attrici insiet dak li kienet qalet fl-affidavit taghha u cioe` wara li fil-paragrafu 43 tal-affidavit taghha rrakkontat dak li kien sehh fl-20 ta' Mejju 2003, fil-paragrafu sussegwenti tghid: *"I told him not to sleep in my bedroom anymore and I also removed his clothes out of the room as well."*[5] Ghalhekk kellu ragun il-konvenut meta fl-affidavit tieghu jghid li martu keccietu mill-kamra tas-sodda taghhom u tefghetlu l-hwejjeg il-barra.

36. Minn naha taghha l-attrici bil-komportament taghha fil-konfront ta' zewgha uriet li ma kienitx tistmah bhala zewgha. Dan wassal sabiex fis-sena 2003 dahlet f'relazzjoni extra-matrimonjali ma' ragel iehor li minnu kellha tiplets u li wara li harget mill-isptar marret tkompli tghix fid-dar matrimonjali flimkien mat-triplets u akkomodathom fil-kamra tas-sodda tal-partijiet. Fir-rigward din il-Qorti tista' tifhem l-umiljazzjoni u d-dwejjaq li kien ihoss il-konvenut meta ta' kuljum jara f'daru tfal li martu weldet minn relazzjoni ma' terza persuna. Din hi sitwazzjoni li certament tikwalifika bhal "*sistema costante …….. di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insapportabile l'abitazione e la vita comune",* izda dan japplika fil-konfront tieghu u mhux fil-konfront ta' martu li ma ddejjqet xejn takkomoda lil dawn it-tfal fid-dar matrimonjali a spejjez tal-konvenut. Inoltre, bhallikieku dan il-komportament tal-attrici ma kienx umiljanti bizzejjed ghall-konvenut, l-attrici kienet ukoll prezentat rikors

[5] Vol.1 – Fol.66

fejn talbet minghajr success li l-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] tawtorizzaha ddahhal lill-missier it-tfal fid-dar konjugali sabiex jghinha fit-trobbija taghhom.[6].

37. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti fl-osservazzjoni taghha li iz-zwieg tkisser *"principalment minhabba l-atteggiament taz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin".* Hija l-fehma soda ta' din il-Qorti li mill-provi jirrizulta li ghat-tifrik taz-zwieg tahti unikament l-attrici kagun tar-relazzjoni adulteruza li dahlet fiha u ghadha titrattjeni matul il-konvivenza matrimonjali mal-konvenut. Taqbel pero' mal-ewwel Qorti f'dik il-parti tas-sentenza fejn oservat li *"l-adulterju kommess [mill-attrici] indubjament … kien fattur li waqqaf ghal kollox il-possibilita' li l-partijiet setghu jaslu biex jirrikonciljaw"* u b'hekk tkisser irrimedjabbilment iz-zwieg.

38. In fine jinghad li l-komportament tal-attrici jattira l-applikazzjoni fil-konfront taghha tas-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili u din il-Qorti qed tistabbilixxi d-data tal-31 ta' Dicembru 2003 bhala d-data li fih iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

39. Ghaldaqstant tqis infondat l-aggravju tal-attrici, filwaqt li tqis fondat l-aggravju tal-konvenut.

[6] Vol.1 – Fol.216 – Digriet [349/06] 3 Jannar 2007

40. Il-kumplament tal-aggravji tal-partijiet jirrigwardjaw il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Ghall-ahjar intendiment tal-gudizzju odjern dawn ser jigu elenkati bil-mod segwenti.

41. Is-sentenza appellata fil-parti relevanti ghal dan l-aspett tal-kawza taqra hekk:

> "**PROPRJETA' (beni immobbli):**
> "Illi l-partijiet huma proprjetarji tal-fond matrimonjali, Rien Rien, New Street off San Anton Street, Ħ'Attard li xtraw fis-sena 2000 u ta' proprjeta' fil-Furjana, Flat 2 Entrance C Binja Filippu Sciberras, li kien akkwistaw wara ż-żwieġ. Il-Qorti hawnhekk ma taqbilx mal-perit legali li għandu jkun hemm xi dewmien biex jibiegħ dan il-fond tal-Furjna għaliex jgħixu l-ġenituri tal-konvenut fih. Dawn mhumiex parti fil-kawża u ma għandhom ebda titolu – fuq kollox jirriżulta li issa l-missier miet u l-omm qed tgħix f' Dar tal-Anzjani. Lanqas ma l-Qorti hija se tidħol fi krediti jew dejn mal-istess ġenituri tal-konvenut – dawn huma tal-komunjoni u jidħlu biss *'in ballo'* jekk ikun hemm xi proċeduri ġudizzjarji fir-rigward għaliex, kif ġja' ngħad il-ġenituri tal-konvenut mhumiex parti fil-kawża.
>
> "Illi l-Qorti fiċ-ċirkostanzi, se tordna l-bejgħ tad-djar imsemmija biex kull parti tieħu sehemha, u dan wara li ssir stima debita biex id-drittijiet tal-partijiet jiġu rispettati. Naturalment, ikun irid jitħallas il-bank l-ewwel peress li hemm dejn relattiv fuq id-dar ta' Ħ'Attard.
>
> "Illi f'dan ir-rigward, il-konvenut jallega li għandu kreditu ta' tmienja u ħamsin elf, mitejn erbgħa u tletin Ewro (€58,234) li ħareġ meta nxtrat id-dar, u bilanċ ta' elf tliet mija wieħed u ħamsin Ewro (€1351) kontijiet tad-dawl mill-2006 sal-2008. Dawn ma ġewx kontestati u lanqas li huwa ħallas il-*loan* mill-2006. Dwar dan ma hemmx indikazzjoni eżatta u allura l-Qorti se tħallih impreġudikat iżda se tordna prelevament ta' disgħa u ħamsin elf, ħames mija ħamsa u tmenin Ewro (€59,585) għar-raġuni appena msemmija, u ċjoe' l-kreditu parafernali u ħlas ta' konsum ta' dawl u ilma.
>
> "**(Beni mobbli):**
> "Illi l-Qorti taqbel li l-partijiet għandhom iżommu l-vetturi li jużaw, u ċjoe' l-attriċi l-Mazda u l-konvenut it-Toyota.

> "Illi l-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji, u poloz ta' assikurazzjoni li naturalment għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom.
>
> "Illi l-beni l-oħra mobbli li kien hemm fid-dar huma problema għaliex anke hawn ma saret ebda stima. Kwindi l-Qorti se tordna l-bejgħ tagħhom u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet indaqs. L-attriċi pero' għandha tieħu l-oġġetti msemmija fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha u li se jiġu ndikati aktar 'il quddiem.
>
> "Illi l-Qorti, fuq l-iskorta ta' dak li ntqal, jidhrilha li hemm l-estremi biex tapplika l-effetti tal-artikolu 48."

<u>It-tieni aggravju Appell Principali</u>

42. Dan jirrigwardja kemm is-somma ta' €59,585 li l-ewwel Qorti qieset bhala kreditu parafernali tal-konvenut, kif ukoll *"l-assenjazzjoni tal-vettura Toyota Hiace."* Dwar ta' l-ewwel l-attrici spjegat fid-dettal l-ilment taghha, filwaqt li rigward it-tieni ma spjegatx x'kien l-ilment.

43. Dwar l-imsemmi ammont ta' €59,585 l-attrici tispjega hekk l-aggravju taghha:

> "(i) Il-partijiet ghandhom zewg proprjetajiet komuni (i) mezzanin gewwa l-H'Attard bil-garaxx sottostanti; u (i i ) appartamcnt gewwa l-Furjana
>
> "(ii ) Jigi mill-bidu nett rilevat illi parti mill-ammont kontestat mill-appellanti huwa proprju dak li nghata lill-partijiet wara l-bejgh tal-propjeta' gewwa Rahal Gdid.
>
> "(iii)...... f'dan l-ezercizzju l-Ewwel Qorti naqset milli tinnota li hemm numru ta kontradizzjonijiet fix-xhieda kemm ta' l-appellat u kemm ta' missier l-appellat dwar dan l-ammont ta' flus li dak iz-zmien kien jammonta ghal-LM25,000. L-appellat kif ukoll missier l-appellat, is-Sur Joseph Chetcuti qalu fix-xhieda taghhom li missieru u ommu ghaddew, lil appellat permezz ta' donazzjoni madwar LM25,000. Dwar dan tingibed l-attenzjoni ghall-fatt li minn imkien ma ntwera li kien hemm xi donazzjoni li giet ppubblikata a favur tal-appellat, allavolja l-

ligi civili tirrikjedi li biex donazzjoni tkun valida jehtieg li ssir permezz ta' kuntratt pubbliku. Anzi jinghad li kienu l-partijiet li kkontribwew ghax-xiri tal-propjeta` f'Rahal il-Gdid ghal circa LM4,000.

"(iv) Li nonstante dan, huwa ferm kontradittorju ..... li jinghad li dawn il-flus inghataw ghax-xiri tal-mezzanin f'H'Attard fl-ammont ta' LM20,000 meta l-istess partijiet ikkuntrattaw fl-istess ammont self mal-Bank of Valletta fl-ammont ta' LM21,000 filwaqt li missier l-appellat eziga l-hlas ta' eluf ghal arrangament u miljorament li huwa ghamel fl-istess fond.

"(v) ....... jekk kemm-il darba din l-Onorabbli Oorti taghzel illi thalli inalterata d-decizjoni tal-Ewwel Qorti li l-appellat ghandu jippreleva €59,585 wara li jiehu nofs ir-rikavat tal-bejgh tal-proprjetajiet. [1] dan l-ammont ghandu jigi imnaqqas biex jirrifletti l-ammont veritier li thallsu lil genituri ta' Lawrence Chetcuti wara l-bejgh tal-propjeta` gewwa Rahal il-Gdid, u cioe` dik ta' LM17,000 u mhux ta' LM25,000 (2) IIli l-propjeta` tal-Floriana inxtrat ukoll fiz-zwieg u ghalhekk kemm-il darba jigi accettat li ntuzaw flus parafernali tal-appellat, dawn xorta intuzaw biex tigi akkwistata propjeta` fiz-zwieg. [3] qed issir kontestazzjoni ukoll tal-ammont li nghata lil appellat rapprezentanti l-hlas li l-appellat allegatament ghamel versu l-Bank Kreditur u hlasijiet tal-kontijiet, fejn lanqas biss kien hemm prova li fil-fatt thallsu dawn l-ammonti

"(vi) L-appellanti tissottometi illi ghalkemm il-provi rikjesti mill-Ligi f ambitu civili hija dik ibbazata fuq bilanc ta' probabbilta` u mhux dik dettata mir-raguni li tmur lil hinn minn dubju ragjonevoli, hemm numru kbir ta' kontradizzjonijiet fil-provi prezentati mill-appellat li ..... l-Ewwel Qorti naqqset milli tinnota. M'ghandux ghalhekk ikun hemm diffikulta' sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna li lill-appellat sabiex jirrimborza lill-apellanti b'sehemu minn dak imhallas minnha.

"(vii ) L-appellanti taqbel mad-decizjoni tal-l-ewwel Qorti limitatament li mill- bejgh tal-fondi kull parti ghandha tiehu nofs ir-rikavat wara li jithallas il-Bank Kreditur, hekk kif deciz f pagna 36 tad-decizjoni tal-Ewwel Qorti."

<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

44. Bazikament dan l-aggravju jikkonsisti f'hames ilmenti, u cioe` [1] li l-konvenut ma ressaqx provi sodisfacenti dwar l-ezistenza tad-donazzjoni ta' LM25,000 [illum €58,234.33] li hu allega li kienet saret lilu mill-genituri tieghu ghax-xiri tal-fond ta' H'Attard; [2] li l-fatt li s-self bankarju ta' LM21,000 [illum €48,916.84] ottenut mill-partijiet jimmina l-

imsemmija allegazzjoni tal-konvenut; [3] li, jekk l-ewwel Qorti taccetta l-verzjoni tal-konvenut li l-genituri tawh b'donazzjoni somma ta' flus sabiex jinxtara l-maisonette, l-ammont ghandu jkun ta' LM17,000 [illum €39,599.35] u mhux ta' LM25,000 [illum €58,234.33]; [4] li "jekk kemm-il darba jigi accettat li [kienu] intuzaw flus parafernali tal-appellat, dawn xorta intuzaw biex tigi akkwistata propjeta` fiz-zwieg [cioe` dik tal-Furjana] u ghalhekk il-propjeta` hija tal-komunjoni tal-akkwisti; [5] L-attrici qed tikkontesta li saru pagamenti mill-konvenut mis-sena 2006 'il quddiem, ghad-debitu relatat mas-self bankarju u kontijiet ohra.

45. Din il-Qorti tosserva li l-ewwel li ghandu jigi deciz huwa l-punt jekk huwiex minnu li l-genituri tal-konvenut tawh l-ammont ta' LM25,000 [illum €58,234.33] ghax-xiri tal-fond ta' H'Attard u ghax-xogholijiet li kellhom isiru fih u jekk fl-affermattiv, ghandux dan jitqies bhala kreditu parafernali.

46. Dwar il-fatt li l-genituri tal-konvenut ghaddewlu l-imsemmija somma l-ewwel Qorti accettat il-verzjoni tieghu bazata fuq il-provi akkwiziti fir-rigward, kemm dokumentali kif ukoll depozizzjonijiet. Din il-Qorti tosserva li kif jirrizulta mill-provi mhux kontraddetti minn provi ohra [ghajr ghal-kontestazzjoni tal-attrici] il-genituri tal-konvenut ghaddewlu s-segwenti cheques: wiehed ta' LM2,400 [illum €5,590.50] datat 24 ta'

Awissu 1999l[78]; iehor ta' LM21,600 [illum €50,314.47] datat 16 ta' Settembru 1999[9], u iehor ta' LM1,000 [illum €2,3290.37] datat 15 ta' Mejju 2003[10] – b'kollox LM25,000 [illum €58,234.33]. Jirrizulta wkoll li dawn gew depozitati mill-konvenut f'kontijiet bankarji li huma fuq ismu, hlief ghall-ewwel ammont ta' LM2,400 [Illum€5,590.50] li jirrizulta li kien gie depozitat f'kont bankarju fuq isem kongunt taz-zewg partijiet. L-ewwel ammont kien gie depozitat fis-27 ta' Awissu 1999[11], it-tieni ammont kien gie depozitat f'Settembru 1999[12] filwaqt li t-tielet ammont [nieqes LM100] kien gie depozitat fis-19 ta' Mejju 2003. Minn dan jidher li d-depoziti saru fiz-zmien tad-dati tac-cheques. Inoltre, jirrizulta wkoll li l-flus inghataw lill-konvenut sabiex ihallas il-prezz u l-ispejjez relatati mal-akkwist tal-maisonette f'H'Attard, li sar fit-8 ta' Frar 2000.

47. Apparti minn hekk hemm ix-xhieda *viva voce* tal-genituri tal-konvenut, li fl-affidavit taghhom ukoll ikkonfermaw li *"in August/September 1999 and May 2003 we donated to our son Lawrence Chetcuti … the sum of LM25,000 which contributed towards the purchase of the property Tien-Ti-Ren in a new street in San Anton Street, Ta' Fgieni Attard".*[13]

---

[7] Meta bdiet ir-relazzjoni extra-matrimonjali ma' John Cassar *[infra]*
[8] Vol.1 Fol.592
[9] Ibid. Fol.389
[10] Ibid. Fol. 390
. Fol.387
[12] Ibid. Fol.388
[13] Ibid. Fol.392

48. L-attrici tissottometti li meta sar il-kuntratt ta' xiri-u-bejgh tal-maisonette fit-8 ta' Frar 2000 il-partijiet kienu ssellfu minghand il-bank is-somma ta' LM20,000. Tghid li dan il-fatt jikkontradixxi t-tezi tal-konvenut dwar l-ammont ta' LM25,000 moghti lilu mill-genituri tieghu biex jixtru l-post *de quo*. Fir-rigward, din il-Qorti tosserva li l-fatt *per se* li l-partijiet hadu self bankarju ma jimminax l-allegazzjoni tal-konvenut li l-genituri tieghu tawh dan l-ammont. Jigi osservat li fil-kuntratt hemm indikat li l-maisonette inxtara fi stat *semi-shell* bil-prezz komplessiv ta' LM3,680 li thallsu mal-kuntratt filwaqt li l-kumplament fl-ammont ta' LM16,320 kien jikkostitwixxu hlas ghax-xogholijiet li kienu ghad irid jsiru mill-venditur fil-post in kwistjoni. Dawn il-fatti ma jimminawx it-tezi tal-konvenut li l-genituri tieghu kienu taw flus sabiex jithallas is-self bankarju li dan kien assuma max-xiri tal-post. Wara kollox anke l-istess attrici tghid dwar ix-xiri tal-maisonette li "*We bought the property of Attard partly from the proceeds of Paola Property [li skond il-kuntratt inbigh ghas-somma ta' LM17,000] and partly by a loan. The loan is still being paid. From 2006, Lawrence has been paying the loan.*"[14]

49. Barra minnhekk it-tezi tal-konvenut isib konfort ukoll fix-xhieda ta' David Bonett, il-venditur, li jghid li *"….qabel ma sar il-konvenju [f'Novembru 1999] ….. jien niftakar li Lawrence qalli li huma ha jkunu jistghu jixtru l-propjeta` bis-sahha tal-genituri tieghu ghaliex il-genituri*

[14] Vol.2 Fol.1219

*tieghu kellhom ibighu xi propjeta` taghhom u jaghtu l-flus b'donazzjoni biex ikun jistax jixtri dawn l-istess proprjetajiet [maisonette u l-garage]"*[15]

50. Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, fl-atti jezistu provi bizzejjed sabiex l-ewwel Qorti ragjonevolment setghet tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha u cioe` li taccetta bhala veritiera l-allegazzjoni tal-konvenut li l-genituri tieghu kienu tawh is-somma indikata minnhom, sabiex jiffinanzjaw l-prezz tax-xiri tal-post ta' H'Attard u tas-self bankarju.

51. Izda, kuntrarjament ghal dak deciz mill-ewwel Qorti, dan ma jfissirx li l-imsemmi ammont ta' LM25,000, <u>kien fil-fatt gie uzat kollu mill-konvenut ghall-iskop li ghalih inghata</u>. Din il-Qorti tosserva li, anke tenut kont tal-kontestazzjoni da parti tal-attrici, r-rikavat mill-fond tar-Rahal il-Gdid kien ta' LM17,000 [kif jidher mill-kuntratt tal-bejgh relattiv] filwaqt li skond il-kuntratt tax-xiri tal-fond ta' H'Attard dan inxtara ghall-prezz ta' LM20,000 u mhux ta' LM25,000 kif sostnut mill-konvenut. Dawn il-fatti provati jaghtu konfort parzjali lit-tezi tal-attrici li l-ammont li thallas ghall-fond ta' H'Attard kien anqas minn LM25,000. Dan il-fatt, apparti milli jinsab konfermat mill-kontenut tal-kuntratt relattiv ta' xiri-u-bejgh, jinsab ukoll konfermat mill-venditur, l-imsemmi David Bonnett meta fix-xhieda

[15] Vol.1 Fol.400

tieghu jghid: *"Jien ninsisti li skond il-kuntratt inghatajt ghoxrin elf liri maltin [LM20,000] mill-partijiet"* [16].

52. Rigward il-provenjenza tal-flus impjegati mill-partijiet sabiex dawn hallsu l-ispejjez relatati mal-fond ta' H'Attard, din il-Qorti hi tal-fehma li t-tezi tal-attrici hija aktar konformi mal-provi fir-rigward. L-attrici tossottometti li, kieku kien minnu li l-flus li l-genituri taw lill-konvenut kienu verament jammontaw ghas-somma ta' LM25,000, jew anki ghal grazzja tal-argument ghas-somma ta' LM20,000, il-partijiet ma kienx ikollhom ghalfejn jirrikorru ghas-self bankarju biex ihallsu lill-venditur. Il-Qorti tosserva li l-provi jikkonfermaw l-ilment tal-attrici markat numru [3][17] li huma kienu impjegaw biss l-ammont ta' LM17,000 derivanti mir-rikavat tal-bejgh tal-fond tar-Rahal il-Gdid biex ihallsu ghall-fond ta' H'Attard, liema ammont jifforma parti sostanzjali mill-ammont li kien irceva l-konvenut minghand il-genituri tieghu, kif ukoll li kienu hadu self bankarju sabiex wasslu ghall-hlas tal-kumplament tal-prezz dovut lill-venditur. Fi kliem iehor ma rrizultax li l-ammont kollu ta' LM25,000 moghti lill-genituri tal-konvenut lil binhom kienu gew impjegati kollha biex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez relatati mal-imsemmi fond, imma intuzaw biss LM17,000.

---

[16] Vol.2 Fol.649
[17] Supra

53. Dwar il-kwistjoni sollevata mill-attrici dwar in-nullita’ tad-donazzjoni sollevata mill-attrici, peress li din ma saritx b’att pubbliku kif jrid l-Artikolu 1753 [1] tal-Kodici Civili, l-konvenut jghid li din hi kwistjoni li tolqot biss lill-partijiet involuti fit-trapass tal-flus u t-tip tar-relazzjoni guridika bejn il-konvenut u l-genituri tieghu. La darba jirrizulta sodisfacentement provat li l-genituri tal-konvenut tawh il-flus sabiex dan ikun jista’ jhallas il-prezz tal-fond u jissodisfa l-obbligi legali tieghu naxxenti mill-kuntratt tat-8 ta’ Frar 2000 huwa rrelevanti jekk id-donazzjoni kienitx fil-forma rikjesta mill-ligi tenut kont li bejn dawn ma hemmx kontestazzjoni dwar in-natura guridika tar-relazzjoni taghhom.

54. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li, filwaqt li jirrizulta minnu li ma hemmx att pubbliku ta’ donazzjoni, ghall-kaz japplika d-dispost tal-Artikolu 1320[e] tal-Kodici Civili li, testwalment jaqra hekk:

> “1320 Fil-komunjoni tal-akkwisti jidhlu –
> “[e] kull beni akkwistati bi flus jew hwejjeg ohra li wahda mill-partijiet mizzewwgin kellha minn qabel iz-ziweg, jew li, wara z-zwieg, missew lilha b’donazzjoni, b’wirt jew b’titolu iehor, ukoll jekk dawk il-beni jkunu hekk akkwistati f’isem dik il-parti, bla hsara tal-jedd taghha li tiehu lura l-ispejjez li tkun ghamlet ghall-akkwist ta’ dawk il-beni.”

55. Ghalhekk dak li hu rilevanti, izjed milli n-natura guridika li sehhet bejn il-konvenut u l-genituri tieghu, li fil-kaz odjern ma tirrizultax li kienet dik ta’ mutwu, huwa l-fatt pruvat li l-flus kienu inghataw lill-konvenut ghall-akkwist tal-fond propjeta` tal-komunjoni. Dan igib mieghu l-konsegwenza legali li, ghalkemm il-fond jitqies bhala parti mill-assi tal-

komunjoni, il-konvenut ghandu l-jedd li jigi rimborzat bl-ammont ta' LM17,000 [Illum €39,599.35].

56. Rigward l-ammont ta' €1,351 rapprezentanti kontijiet tad-dawl u ilma li hallas il-konvenut mis-sena 2006 sas-sena 2008 jidher li l-ewwel Qorti strahet fuq dak li qal il-konvenut u din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba d-decizjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward. Fi kwalunkwe kaz, kull kont relattiv ghall-utilitajiet tas-servizzi fid-dar matrimonjali huwa dejn tal-komunjoni u ghandu jigi saldat mir-rikavat tal-bejgh tal-fond ta' H'Attard qabel ma r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet. L-istess haga jinghad ghall-bilanc tad-dejn bankarju li talvolta jkun ghadu dovut.

57. Rigward il-fond tal-Furjana din il-Qorti tosserva li ma hemmx kontestazzjoni li dan jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u l-fatt li l-konvenut ikkontribwixxa ghax-xiri ta' dan l-appartament bi flus parfernali tieghu, ma jnehhi xejn mill-fatt pacifikament akkolt li dan il-fond huwa tal-komunjoni. Ghalhekk din il-parti tal-aggravju, almenu kif abbozzata, hija superfluwa.

58. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat limitatament ghas-somma ta' LM17,000.

L-Erbgha Aggravji ulterjuri tal-Appell Incidentali

59. Dawn jirrigwardjaw: [2] l-ispejjez tal-kawza; [3] ir-rimbors tal-ispejjez tax-xogholijiet maghmula mill-genituri tal-konvenut fil-proprjetajiet tal-partijiet; [4] ir-rimborz tal-hlasijiet li ghamel il-konvenut bi flus parafernali tieghu ghax-xiri tal-fond tal-Furjana; u [5] r-rimborz ta' nofs il-pagamenti tal-loan u tal-assikurazzjoni li l-konvenut hallas wahdu mit-30 ta' Gunju 2006 tad-data tal-bejgh tal-fond ta' H'Attard li ser jigi ordnat minn din il-Qorti.

60. Dwar it-tielet aggravju l-konvenut jilmenta li l-ewwel Qorti ma qiesitx bhala kreditu parafernali tieghu l-ispejjez li l-genituri tieghu kienu ghamlu fil-fondi, principalment dak tal-Furjana fejn l-istess genituri ilhom jghixu ghal tul ta' snin [13-il sena] kif ukoll fil-fond ta' H'Attard. Huwa jsostni li dawn huma forma ta' donazzjoni maghmula mill-genituri tieghu lill-konvenut bhala binhom.

61. Din il-Qorti taghmel zewg osservazzjonijiet fir-rigward. Fl-ewwel lok, ghalkemm il-post tal-Furjana huwa propjeta` tal-partijiet, il-genituri tal-konvenut ilhom jghixu f'dan il-post ghal numru ta' snin u ghalhekk l-ispejjez maghmula minnhom u li gew kwantifikati minnhom fl-ammont komplessiv ta' €23,572 ma jistghux jitqiesu bhala xi forma ta' donazzjoni, izda kienu spejjez li huma kellhom necessarjament jaghmlu gol-fond sabiex setghu jabitaw fih wara li kellhom jitilqu mid-dar

taghhom fil-Belt. Il-post tal-Furjana kien inxtara mill-partijiet fit-23 ta' Marzu 1994 u minn dak iz-zmien 'il quddiem ghexu fih biss il-genituri tal-konvenut minghajr ma hallsu ebda korrispettiv ghall-okkupazzjoni taghhom. Ghalhekk fic-cirkostanzi ftit taghmel sens it-tezi ta' donazzjoni pretiza mill-konvenut.

62. Fit-tieni lok, rigward ix-xogholijiet allegatament maghmula minn missier il-konvenut fil-fond ta' H'Attard u li skond il-konvenut jammontaw ghal €9,317.50, il-Qorti tosserva li dawn gew kontestati mill-attrici li minn naha taghha tikkontesta mhux biss l-ammont pretiz izda sahansitra l-fatt allegat mill-konvenut li dawn ix-xogholijiet fil-fatt kienu twettqu minn missier il-konvenut.

63. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li dan il-kreditu pretiz mill-konvenut bhala wiehed parafernali, mhuwiex sostnut mill-provi. Inoltre, tenut kont tal-kontestazzjoni tal-attrici, din il-vertenza ghandha jekk ikun il-kaz tigi deciza f'kawza separata proposta mill-genituri tal-konvenut li qed jallegaw dan il-kreditu taghhom fil-konfront tal-komunjoni imma zgur mhux f'din il-kawza li fiha l-genituri mhumiex parti. Huwa opportun pero' li jinghad li, jekk dan id-debitu jigi kanonizzat b'sentenza, allura bhala debitu tal-komunjoni ikun a kariku taz-zewg partijiet fi kwoti ugwali.

64. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

65. Ir-raba' aggravju tal-konvenut hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma rrikonoxxietx il-kreditu parafernali pretiz minnu fl-ammont ta' €9,783 rapprezentanti flus mahruga minnu ghax-xiri tal-fond tal-Furjana u li kienu tieghu qabel iz-zwieg. In sostenn ta' dan l-aggravju huwa jaghmel referenza ghad-depozitu bankarju fl-ammont ta' LM4,200 [illum €9,783.37] mal-APS Bank liema kont kien gie maghluq fis-sena 1991, kif ukoll ghal diversi depoziti li huwa kellu fil-kontijiet l-Ingilterra fl-ammonti ta' £1241.64 u £2,784.31: l-ewwel wiehed inghalaq fis-sena 1987 u t-tieni wiehed inghalaq fis-sena 1988.

66. Din il-Qorti tosserva li, kif jirrizulta mill-ittra datata 4 ta' Jannar 2004 mibghuta mir-rapprezentanti tas-socjeta' Halifax plc il-flus depozitati fil-kontijiet li gew maghluqa fil-5 ta' Jannar 1987, fis-16 ta' Jannar 1987 u fit-13 ta' April 1988 kienu gew trasferiti f'kont wiehed bin-numru 09 H3325 109 liema kont kien sussegwentement inghalaq fis-6 ta' Dicembru 1990 bil-gbid tal-flus.

67. Mill-premess jirrizulta li, ghalkemm jirrizulta provat li qabel iz-zwieg il-konvenut kellu depoziti bankarji kemm lokali kif ukoll esteri, dawn kienu inghalqu circa tlett snin qabel ma sar il-kuntratt ta' xiri tal-appartament tal-Furjana fit-23 ta' Marzu 1994. Ghalhekk il-

kontestazzjoni attrici li ma jirrizultax pruvat li l-flus fuq indikati intuzaw sabiex jinxtara l-post tal-Furjana hija gustifikata tenut kont li ma gie ezebit ebda dokument iehor biex isostni t-tezi tal-konvenut u l-ewwel Qorti ghamlet sew li skartat din il-pretensjoni tal-konvenut.

68. Ghaldaqstant dan ir-raba' aggravju huwa nfondat

69. Il-<u>hames aggravju</u> hu fis-sens li l-ewwel Qorti naqset milli tiehu kont tal-pagamenti tas-self u tal-assikurazzjoni li mit-30 ta' Gunju 2006 'il quddiem gew affettwati unikament mill-konvenut. Mill-provi jirrizulta li sa mit-30 ta' Gunju 2006 sad-data tal-bejgh ordnat mill-Qorti, l-ammont rapprezentanti nofs il-pagamenti, li saru wara l-hlas tas-somma ta' LM17,000, effettwati mill-konvenut mill-kont intestat fuq ismu [nru.400 12045 819] fil-Bank Of Valletta, jew xi kont b'numru iehor intestat fuq ismu, akkont tas-self bankarju u tal-*premia* tal-assikurazzjoni relatata maghhom ghandu jigi rifuz lilu mir-rikavat tal-prezz tal-bejgh tal-maisonette ta' H'Attard, qabel ma ssir il-qasma tal-istess rikavat, stante li l-ammont pretiz mill-konvenut jikkwalifika bhala kreditu li sar fl-interess tal-komunjoni u ghalhekk huwa kreditu tieghu kontra l-istess komunjoni tal-akkwisti.

70. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi.

71. It-tieni aggravju jirrigwardja l-ispejjez li l-ewwel Qorti akkollat lill-konvenut. Fil-qosor dan l-aggravju huwa bazat fuq zewg ilmenti: [1] li hu ma kellux htija ghall-hall taz-zwieg u [2] li l-medjazzjoni ma sehhitx tort tal-attrici li, dejjem skond il-konvenut, "eskalat il-medjazzjoni f'litigazzjoni u dan unikament frott ir-rebgha u kilba taghha biex tipprova trigref mill-gid" tal-konvenut.

72. Qabel xejn din il-Qorti tosserva li l-iskop tal-medjazzjoni huwa proprju sabiex il-partijiet, bl-ghajnuna tal-medjatur, jipprovaw jasslu, jekk mhux ghar-rikonciljazzjoni, almenu ghall-ftehim dwar il-pendenzi taghhom. Ghalhekk il-procedura ta' medjazzjoni tgawdi mill-kunfidenzjali fis-sens li ma jistax jittiehed kont mill-Qorti fl-ghoti tas-sentenza ta' dak li jkun ntqal matul il-medjazzjoni. Ghalhekk, il-fatt li parti ma accettatx proposta maghmula fl-istadju tal-medjazzjoni, anke jekk din kienet tidher ragjonevoli, maghmula mill-parti l-ohra bir-rizultat li kellhom jinbdew proceduri gudizzjarji bl-istituzzjoni ta' kawza, m'ghandux jittiehed kont ghall-finijiet tal-ispejjez tal-kawza. Dan qed jinghad ghax ghandu jirrizulta car li hadd mill-partijiet mhu obbligat jersaq ghall-ftehim li ma tkunx taqbel mieghu. Ghalhekk it-tieni parti ta' dan l-aggravju hija insostenibbli.

73. Rigward l-ewwel parti tal-aggravju din il-Qorti tosserva li, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet maghmula minnha u tad-decizjoni li waslet

ghaliha dwar il-htija ghall-hall taz-zwieg, l-ilment tal-konvenut huwa gustifikat fis-sens li, ladarba qed jitqies li hu m'ghandux tort ghall-hall taz-zwieg, allura ma kellux jigi akkollat spejjez relatati mal-htija.

74. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u ser jigi milqugh.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell principali tal-attrici limitatament kif ser jinghad billi: tirrevoka dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ordnat li l-konvenut jippreleva mir-rikavat tal-bejgh tal-fondi s-somma ta' €59,585 u, minflok, tistabbilixxi l-ammont tal-prelevament fis-somma ta' erbghin elf, disa' mija wiehed u sittin euro [€40,961] rapprezentanti €39,610 [ekwivalenti ghal LM17,000] kreditu parafernali tal-konvenut u €1,351 spejjez ta' konsum ta' dawl u ilma mhallsa minnu, u tichad l-appell ghall-kumplament.

Tilqa' l-appell incidentali tal-konvenut limitatament kif ser jinghad billi: tithassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti sabet lilu wkoll hati tal-hall taz-zwieg ghalkemm fi proporzjon anqas minn dak tal-attrici, u, minflok, tiddikjara li ghall-hall taz-zwieg tahti unikament l-attrici filwaqt li l-konvenut m'ghandu ebda htija fir-rigward u ghalhekk mhux il-kaz li jigi applikat fil-konfront tieghu l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili; tirriforma s-sentenza billi zzid is-segwenti: "li mir-rikavat tal-bejgh tal-fond ta' H'Attard, qabel ma dan jinqasam bejn il-partijiet, il-konvenut

ghandu jaghmel prelevament ulterjuri fl-ammont rapprezentanti nofs il-pagamenti maghmula, wara l-hlas lill-Bank tas-somma ta' LM17,000 [illum €39,599.35],[18] akkont tas-self bankarju u tal-assikurazzjoni relattiva mit-30 ta' Gunju 2006 'il quddiem"; tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ordnat li terz mill-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji ghandhom jithallsu mill-konvenut u, minflok, tordna li l-ispartizzjoni tal-ispejjez isir kif stabbilit fil-paragrafu segwenti.

L-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jithallsu mill-attrici in kwantu ghal erbgha minn hamsa [4/5] filwaqt li r-rimanenti kwint [1/5] jithallas mill-konvenut, hlief dawk relatati mal-bejgh tal-propjeta` inkluzi d-drittijiet u spejjez tal-perit li ghandhom jibqghu a kariku taz-zewg partijiet fi kwoti ugwali; l-ispejjez tal-appell principali ghandhom jithallsu mill-partijiet fl-istess proporzjoni jigifieri erbgha minn hamsa [4/5] mill-attrici u kwint [1/5] mill-konvenut, filwaqt li dawk relatati mal-appell incidentali jigu sopportati in kwantu ghal tnejn minn hamsa [2/5] mill-konvenut u l-kumplament tal-ispejjez u cioe` tlieta minn hamsa [3/5] jithallsu mill-attrici.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb

[18] [supra]